**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

**29/19**

**Id-Disgħa u għoxrin (29) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-27 t'Awwissu, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Ezekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata:
    a) Dawl Dekorattiv għal żmien il-Milied
    b) Linji Gwida – Ġieħ Santa Venera
    c) Ċentru ta' Matul il-Jum
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

## *2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 28/19 ttieħdu bħala moqrija

**2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 28/19**

2.2.1 Minuta 7 - titneħħa l-kelma "rrimrka" u ssir "irrimarka".
2.2.2 Minuta 7(b) – titneħħa l-kelma "Kanunu" u ssir " Kanun"
2.2.3 Minuta 9.1 – titneħħa l-kelma "kunissjoni" u ssir "kummissjoni

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa 28 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

3. **Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 Minuta 5.3 - Is-Sindku nforma lill-membri dwar is-seminar li ser issir fid-9 ta' Settembru, 2014 fejn il-Kunsill bagħat stedina lil 70 ażjenda ġewwa Santa Venera sabiex jattendu għal dan is-Seminar. Is-Sinkdu rrimarka li persuna waħda biss wieġbet għal din is-sejħa.

3.2 Minuta 9.1 - Is-Sindku informa lill-membri li wara stħarrig li għamel ma' Kunsill ieħor dwar ic-citazzjonijiet pendenti irrizulta li dawn qadbu lill-avukat Dr Stefan Żrinzo fejn l-ispejjeż legali jiżdiedu mal-ammont taċ-ċitazzjoni u b'hekk il-kunsill ma jkun ħareġ xejn. Is-Sindku huwa tal-fehma li l-Kunsill għandu jimxi fuq l-istess passi.

Il-Membri qablu unanimament.

4. **Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-insurance policy tal-Kunsill. Huwa kompla li l-Insurance brokers Melitapol għaddew lill-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet tal-Middlesea u Citadel. L-irħas kowtazzjoni hija tac-Citadel u għaldaqstant għandhom jingħażlu huma. Barra minn hekk is-Sindku nforma lill-membri li l-ammont assigurat fuq l-assi għandu jinbidel skont ma kienu talbu l-awdituri fir-rapport tagħhom.

Il-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-kunsill irċieva mingħand Heritage Malta fejn talab lis-Sur Silvio Vella sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-Ħargiet Kulturali indikati fil-korrispondenza li l-Kunsill irċieva.

Il-Membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fit-tournament tal-Boċċi li ser jiġi organizzat mill-Fondazzjoni Wirt Vendriż. Issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jerġa' jipparteċipa f'dan it-tournament kif ġara fis-snin ta' qabel

Il-Membri qablu unanimament.

4.4 Is-Sindku informa lill-membri li din is-sena il-Car Free Day ser tkun organizzata it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2014. Is-Sindku qal li din is-sena ser tkun problema li l-Kunsill jipparteċipa minħabba l-fatt li din ser tkun l-ewwel ġurnata tas-sena skolastika u għaldaqstant apparti li tinħoloq inkonvenjenza lill-iskejjel li hawn fil-lokal. Wieħed irid jikkunsidra li t-toroq prinċipali ta' Santa Venera huma arterji biex tasal f'lokalitajiet oħra.

Il-Membri qablu unanimament.

4.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Arzella Childcare Centre dwar l-applikazzjoni li ser issir ma TM dwar ir-reserved parking sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jiġbru lit-tfal. Is-Sindku u l-membri qablu li fuq dan ir-rigward

m'hemmx għalfejn issir reserved parking oħra meta wieħed jikkunsidra li ħdejn ic-Childcare Centre diġa hemm Loading/Unloading bay quddiem Flaherty. Għaldaqstant il-Kunsill iħoss li din Loading/Unloading bay tista' tintuza wkoll mill-ġenituri sabiex ikunu jistgħu jiġbru lit-tfal.

4.6 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi fejn din l-Awtrotia' qegħda toffri laqgħat informattivi b'xejn għall-pubbliku rigward l-effiċjenza tal-enerġija effettiva. Is-Sindku qal li huwa jahseb li laqgħat bħal dawn għandhom isiru f'dan il-lokal sabiex b'hekk ir-residenti jkollhom l-informazzjoni meħtieġa.

Il-Membri qablu unanimament.

**5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

Fis-7:05 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer.

**6. Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 509 sa lment numru 524.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 509 | Azzjoni ttieħdet |
| 510 | Ħaddiema Assenjati |
| 511 | Ħaddiema Assenjati |
| 512 | Ninfurmaw lil min għamel l-ilment biex jidentifika l-post u wara l-Kunsill jiddeċiedi |
| 513 | Azzjoni ttieħdet |
| 514 | Azzjoni ttieħdet |
| 515 | Il-Kunsill ma jaqbilx ghaliex dan is-sinjal ilu hemm snin u għandu s0sinifikat tiegħu |
| 516 | Koptasin |
| 517 | Tabella diga' tinsab fuq il-post imsemmi |
| 518 | Bħal ilment 512 |
| 519 | Alberta |
| 520 | Logografix |
| 521 | Applikazjoni ma' Transport Malta |
| 522 | Contract Manager |
| 523 | Ninfurmaw il-Kuntrattur li bena |
| 524 | Issir applikazzjoni |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**a) Dawl Dekorattiv għal żmien il-Milied**

Is-Sindku nforma lill-membri sabiex jinħareġ tender għall-Christmas Lights Decorations Is-Sindku qal li f'din it-tender ser ikun qiegħed jitlob:

I. 8 disinji movimentati u fustuni fi Triq il-Kbira San Ġużepp
II. 8 disinji movimentati u pendenti fi Triq il-Kbira San Ġużepp
III. Twaħħil ta' disinji movimentati u pendenti mal-Akkwadott fi Triq il-Kbira San Ġużepp
IV. Ħlas għal twaħħil ta' disinji b'dawl movimentat extra

Il-Membri qablu unanimament.

**b) Linji Gwida – Ġieħ Santa Venera**

Is-Sindku irrimarka li jixtieq li jsiru xi tibdiliet fil-linji gwida għal Gieħ Santa Venera. Matul il-laqgħa s-Sindku qara t-tibdiliet kollha li qed jipproponi. Il-Membri qablu li l-individwu/għaqda li jkun ingħata l-Ġieħ ma jkunx jista' jerġa' jiġi nominat qabel (1) sena mid-data li fiha jkun ġie mogħti l-Ġieħ. Din il-klawsola mhux ser tapplika għal din is-sena.

Il-Membri qablu unanimament.

Fis-7:35 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Horace J Anastasi.

**c) Ċentru ta' Matul il-Jum**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kuntratt tal-kiri taċ-Centru ta' Matul il-Jum jagħlaq f'Jannar, 2015. Għal dan il-għan is-Sindku qal li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jiddeciedi x'ser isir. Għaldaqstant is-Sindku qal li kull m'hemm huma tlett alternattivi:

I. Tiġi mġedda l-kera attwali;
II. Naraw jistax jintuża it-tuck-shop li hemm fl-iskola ta' Maria Assunta;
III. Naraw jistax jingħata aċċess sabiex l-anzjani jużaw l-istess lift ta' l-Aġenzija Żgħażagħ; f'Umberto Calosso u b'hekk iċ-Centru ta' Matul il-Jum isir f'Umberto Calosso.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex tintbgħat email lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-possibilta' ta' tiġdid.

Il-Membri qablu unanimament.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ma kien hemm l-ebda minuti ta' Kumitati jew Sotto Kunitati li ġew preżentati waqt id-29 laqgħa.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li fl-aħħar laqgħa tar-Regjun Centru rega' gie diskuss it-tqassim tal-fondi mill-LES lill-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mir-Regjun Centru sabiex il-flus

dovuti lill-Kunsilli Lokali jigu trasferiti mill-ewwel għand il-Kunsilli. Dan sabiex il-Kunsilli Lokali ma jkollhomx problemi ta' *cash flow* waqt li jkunu qed jagħmlu l-proġetti tagħhom. Għal dan il-għan, gie suġġerit u kien hemm qbil dwar dan ukoll li l-Kunsilli Lokali jiftħu kont tal-bank separat sabiex il-flus li jiġu trasferiti mir-Reġjun jitqiegħdu f'dan il-kont gdid. Madankollu kopji ta' l-invoices iccertifikati u kopji tas-schedule of payments fejn dawn ikunu approvati mill-Kunsill, xorta għandhom jintbgħatu lir-Reġjun.

Il-Membri qablu unanimament.

Fit-8 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jason Mangani

9.2 Is-Sindku informa lill-membri dwar 12-il information panel li ser isiru fil-Lokalita, żewġt info panels ta' qies 90ċm b'90ċm, għaxar info panels ta' 30ċm bi 30ċm u 12-il arblu galvanizżat. Dawn l-information panels ser jiswew lill-Kunsill €480.33 VAT eskluża.

Il-Membri qablu unanimament. iżda s-Sur Anastasi ssuġerixxa li tinġieb kwotazzjoni mingħand Logografix.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Contact Manager is-Sur Raphael Carabott irrakomanda lill-Kunsill li s-sigar ta' Tin u Ficus Nitida għandhom jinqalgħu minn ġol-ġnien minħabba li dawn qed jagħmlu ħafna ħsara lill-ħitan divizorji tal-ġnien. Is-sigar tat-tin jikber minn ġol-pedamenti u fili tal-ħitan, mentri il-ficus jgħolli l-passaġġi bl-għeruq tagħhom.

Is-Sindku rrimarka li apparti minn dawn is-siġar imsemmija għandhom jitnehhew ukoll is-siġar taż-żebbuġ u jitpoġġew.

Is-Sindku qal li rridu niktbu lill-MEPA kif stabbilit fil-ligi.

Il-Membri qablu unanimament.

9.4 Is-Sindku kkomunika mal-membri dwar permess PA2484/14 fejn hemm mil-ħsieb li garaxx jinbidel f'sala għal skop ta' talb. Żied jgħid li ntbagħtet "Representation letter" f'dan ir-rigward fejn inġibdet l-attenzjoni tal-MEPA dwar l-inkonvenjent li ser jinħoloq.

9.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-Bilom minn Triq il-Kbira San Ġużepp ser jopera b'cafeteria u childcare centre.

## 10 Aġġornament

L-aġġornament tal-laqgħa ġiet iffissata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija.

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum:

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt